# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Awwissu, 2021.**

**Numru 1**

**Ċitazzjoni numru 383/16/1 SM**

**Emanuela armla minn Philip Bartolo; Elton Bartolo u Rachel Zammit Bartolo**

**v.**

**Marthese u Tarcisio konjugi Caruana u Rayona Caruana**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma appell prinċipali mressaq mill-atturi Bartolo u appell inċidentali mressaq mill-intimati miżżewġin Caruana minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 2018 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti laqgħet l-

ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimata Rayona Caruana u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati Marthese u Tarcisio Caruana u sabet li l-azzjoni mressqa mill-atturi tressqet qabel waqtha, u ordnat lill-istess atturi jħallsu l-ispejjeż tal-kawża;

2. L-atturi kienu fetħu din il-kawża fit-13 ta' Mejju, 2016, jiġifieri wara li kienu ngħataw is-sentenzi fid-9 ta' Marzu, 2016, f'żewġ kawżi oħra[1] bejn il-partijiet dwar it-tmexxija ta' gabbana bl-isem ta' "*Marea Kiosk*" fil-Bajja tal-Għadira, limiti tal-Mellieħa. F'din il-kawża, l-atturi talbu li l-ewwel Qorti tordna li l-imħarrkin Caruana solidalment bejniethom iħallsuhom in-nofs (50%) tal-qligħ nett reġistrat mit-tmexxija tal-imsemmija gabbana minn bejn April u Novembru tal-2006 sa bejn April u Novembru ta' kull sena sal-2015, tillikwida kemm kien il-qligħ matul iż-żmien fuq imsemmi, u tikkundannahom iħallsuhom il-qligħ hekk likwidat. Fl-att li bih l-atturi ressqu dawk it-talbiet, l-atturi jagħrfu li mis-sentenzi li ngħataw fiż-żewġ kawżi l-oħrajn kien sar appell[2];

3. Illi fit-Tweġiba Maħlufa tagħha l-intimata Rayona Caruana laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalet li l-azzjoni kienet tressqet qabel il-waqt billi l-kawżi Nru. 281/06 u Nru. 1254/07 huma mertu ta' żewġ appelli, u għaldaqstant kien ikun għaqli li dik il-Qorti tieqaf milli tismagħha sakemm jingħataw is-sentenzi fiż-żewġ appelli msemmija; li l-atturi naqsu

[1] Rik. 281/06AF u 1254/07AF
[2] Is-sentenzi minn dawk l-appelli qegħdin jingħataw minn din il-Qorti llum

li juru li l-qligħ li qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni tiegħu (għal dak iż-żmien sakemm Philip Bartolo kien għadu ħaj) ġie dikjarat fl-atti *causa mortis* kif jitlob l-Artikolu 63 tal-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk ukoll din il-kawża jmissha titwaqqaf sakemm l-atturi jottemperaw irwieħhom ma' dak li jitlob l-imsemmi artikolu; u li, f'kull każ, il-pretensjonijiet attriċi waqgħu bil-preskrizzjoni skond l-Artikoli 2156 (f) u 2157 tal-Kodiċi Ċivili. Żiedet tgħid li hi ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tat-talbiet attriċi għaliex ma kellha l-ebda rabta mal-atturi u talbet li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Laqgħet ukoll għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi qalet li t-talbiet attriċi kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt. Tenniet li kienu l-atturi nfushom li, sa mill-2006, talbu l-qsim jew bejgħ b'liċitazzjoni tan-negozju li issa jippretendu sehem mill-qligħ tiegħu u għaldaqstant ebda ħlas m'hu lilhom dovut;

4. Illi fit-Tweġiba Maħlufa tagħhom l-intimati Marthese u Tarcisio miżżewġin Caruana laqgħu għal-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalu li jekk kemm-il darba l-atturi ma jurux li ddikjaraw is-sehem tagħhom fit-tmexxija tal-gabbana lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, il-Qorti jmissha tieqaf milli tisma' l-kawża u teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-atturi; li l-azzjoni kienet ukoll tressqet qabel waqtha għaliex tiddependi mill-eżitu ta' żewġ kawżi oħrajn li sa dakinhar ma kinux għaddew in ġudikat; li kien għaqli li l-Qorti tordna s-soprasessjoni

sakemm jingħataw is-sentenzi fiż-żewġ kawżi l-oħrajn. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

5. Illi biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*Ikkunsidrat:*

*"11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:*

*"11.1. Illi l-vertenza in dizamina tippernja fuq il-gestjoni tan-negozju bl-isem Marea Kiosk fl-Ghadira;*

*"11.2. Illi r-rikorrenti qed jallegaw li huma proprjetarji tal-istess flimkien mal-intimati, f'sehem ta' nofs indiviz bejniethom, u li ghalhekk, ghal zmien twil, iz-zewg nahat kienu jircievu 50% tal-qligh mill-istess gestjoni, (ara foll 211 u 219);*

*"11.3. Illi jirrizulta li nqala' dizgwid bejn il-partijiet u li konsegwentement, ir-rikorrenti ma jridux jibqghu fi stat ta' kommunjoni mal-intimati, (ara foll 221);*

*"11.4. Illi in effetti jezistu zewg (2) proceduri ohra, prezentement pendenti proceduri fl-appell, (ara foll 79 u 98), fejn fost l-ohrajn qed tintalab dikjarazzjoni:*

*"11.4.1. Li l-partijiet odjerni huma proprjetarji in komuni tal-kiosk de quo, flimkien mal-likwidazzjoni sussegwenti, (ara foll 5); u*

*"11.4.2. Li l-istess partijiet odjerni huma proprjetarji in komuni tal-istess kiosk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-gestjoni tal-istess, (ara foll 26);*

*"Ikkunsidrat:*

*"12. Illi din hi **sentenza preliminari** rigwardanti l-ewwel tliet (3) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, (ara paragrafu numru hamsa punt zero, (5.0.), aktar qabel u foll 91);*

*"13. Illi in vista tal-premess tigi l-ewwel ikkunsidrata l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari hekk sollevata, senjatament dik rigwardanti l-**intempestivita`** tal-kawza, (ara foll 79 u 83);*

*"Ikkunsidrat:*

*"14. Illi essenzjalment bil-procedura prezenti r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni tal-profitti minnhom pretizi ghall-perjodu April-Novembru 2006 sa April-Novembru 2015, (ara foll 5, 26 u 98);*

*"15. Illi l-intimati kollha jirrispondu li jkun ghaqli li din il-qorti tissopprassjedi l-vertenza sakemm jigu determinati b'mod effettiv il-kawzi prezentement pendenti l-appell, (ara foll 5, 26 u 98);*

*"Ikkunsidrat:*

*"16. Illi dwar is-**soprasessjoni tal-kawzi**, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs. Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta et**, datata it-**30 ta' Settembru, 2016**, il-**Qorti tal-Appell (Superjuri**) irriteniet is-segwenti:*

> *"In tema legali jigi osservat li jinsab ritenut li:*
>
> *"... hu accettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eccezzjonali tinghata meta smigh fl-istess waqt ta' zewg kawzi ma jkunx jista' jsir, izda, billi hi eccezzjoni ghar- regola generali li kull kawza ghandha tinstama' sakemm tigi maqtugha, trid tinghata dejjem taht kundizzjonijiet li ghandhom ikunu serji bizzejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, jinghad sahansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, (**Kollez. Vol: LXXVIII.i.211**), li l- eccezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma' kawza bhala tali, fis-sistema procedurali taghna, mhijiex kontemplata ghaliex l- eccezzjoni li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jikkontempla hi l-eccezzjoni maghrufa bhala lis alibi pendens, u din l-eccezzjoni tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi ghaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*
>
> *"Illi hu minhabba f'hekk li l-qrati jqisu s-soprasessjoni bhala provvediment ordinatorju mholli fid-dehen tal-qorti li quddiemha titressaq talba bhal dik.*
>
> *"... Jinsab assodat ukoll fil-gurisprudenza nostrana illi s- soprassessjoni tigi ammessa biss meta tkun spedjenti, u li l-ispedjenza ma tistax tkun mera possibbilita`. Maghdud dan, isegwi illi s-soprasessjoni hi rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. (Vide in materja **PA Sylvana Tanti vs. Noel Tanti et – 3 ta' April 2014**)";*

*"Ikkunsidrat:*

*"17. Illi ghandu jkun pacifiku li l-insenjament naxxenti mis-suddetti principji ghandhu issa jigi ezaminat fid-dawl ta' dak li qieghed jintalab fil-procedura odjerna biex b'hekk jigi stabbilit jekk ir-ragunijiet li fuqhom ir-rikorrenti qed jibbazaw it-talbiet odjerni taghhom ma jiddependux direttament fuq dak mitlub fiz-zewg (2) proceduri l-ohra fuq*

*riferiti li ghadhom pendenti l-appell li sal-15 ta' Novembru, 2016, jirrizulta li "... lanqas biss (kienu gew) appuntati", (ara foll 98), sfortunatament considerando il-fatt li tali appelli jirrizulta li jiehdu madwar tlieta (3) jew erba' (4) snin biex jigu hekk appuntati;*

*"Ikkunsidrat:*

*"18. Illi hu pacifiku li permezz tal-procedura in dizamina jirrizulta assodat li r-rikorrenti qed jibbazaw t-talbiet taghhom fuq il-bazi li fil-gestjoni tal-kiosk in dizamina hemm profitti li huma intitolati ghalihom u li allura ghandhom jigu likwidati favur taghhom;*

*"19. Illi tali bazi tistrieh fuq il-premessa li l-kiosk in dizamina hu proprjeta` komuni bejn ir-rikorrenti u l-intimati f'ishma indaqs;*

*"Ikkunsidrat:*

*"20. Illi in vista tal-premess ghandu jirrizulta pacifiku li l-kawzali tar-rikorrenti jirrizultaw li effettivament huma bbazati unikament fuq id-decizjonijiet tal-kawzi fuq riferiti prezentement pendenti l-appell u fuq l-effett legali taghhom;*

*"21. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li l-mertu tal-procedura odjerna, senjatament it-talba tar-rikorrenti biex il-qorti tiddeciedi li tordna lill-intimati jhallsuhom in solidum l-ammont ta' 50% tal-profitti netti rizultanti mill-gestjoni tal-kiosk de quo, hi bbazata fuq il-mertu tal-imsemmija zewg (2) proceduri prezentement pendenti l-appell, senjatament:*

*"21.1. Talba ghal dikjarazzjoni li r-rikorrenti u l-intimati huma ko-proprjetarji tal-imsemmi negozju f'ishma indaqs;*

*"21.2. Talba ghal dikjarazzjoni li ghall-perjodu ikkoncernat hemm indikat, il-profitti li jirrizultaw ghandhom jinqasmu bejn il-kontendenti;*

*"Ikkunsidrat:*

*"22. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li fl-ahjar interessi tal-gustizzja, din il-qorti ghandha tieqaf tisma' l-kawza prezenti pendenti l-eventwali decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-proceduri prezentement pendenti quddiemha fuq riferiti stante li dawn jimpingu sostanzjalment fuq il-mertu tal-procedura odjerna;*

*"23. Illi ghandu ghalhekk ikun pacifiku li l-qorti odjerna ma tistax tiddeciedi l-procedura in dizamina qabel ma jigi deciz definittivament il-mertu tal-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell fiz-zewg (2) proceduri fuq riferiti;*

*"24. Illi di piu`, b'hekk tigi wkoll evitata l-possibilita` li jigu prodotti decizjonijiet kontradittorji ghal xulxin b'detriment ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;*

*"Ikkunsidrat:*

*"25. Illi stabbilita l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna m'hemm bzonn li jinghad xejn dwar it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet – dawk rigwardanti l-causa mortis u l-preskrizzjoni – fuq riferiti, (ara paragrafu numru hamsa punt zero, (5.0.), aktar qabel)*";

6. Illi l-atturi (minn issa 'l hemm imsejħa "Bartolo") ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq minnhom fit-30 ta' Novembru, 2018, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u tordna li s-smigħ tal-kawża jissokta jew tħassarha u tordna s-soprasessjoni tal-kawża sakemm tingħata s-sentenza fiż-żewġ appelli mis-sentenzi fil-kawżi Nru. 1254/2007 u Nru. 281/2006, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

7. Illi permezz ta' Tweġiba mressqa fl-10 ta' Diċembru, 2018, l-appellati Marthese u Tarcisio Caruana laqgħu għall-imsemmi appell billi qalu li, safejn l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni, s-sentenza appellata hija tajba u għandha tiġi konfermata, bl-ispejjeż. Inqdew bit-Tweġiba tagħhom biex ressqu appell inċidentali in kwantu l-ewwel Qorti ma ddeċidietx l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom. Talbu li filwaqt li l-appell prinċipali għandu jiġi miċħud, l-ewwel Qorti għandha tilqa' l-appell inċidentali tagħhom u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom billi hija mistħoqqa, bl-ispejjeż kontra Bartolo;

8. B'digriet tal-20 ta' Diċembru, 2018[3], din il-Qorti laqgħet it-talba ta' Bartolo biex dan l-appell jinstema' flimkien mal-appelli miż-żewġ kawżi 281/06AF u 1254/07AF;

9. Illi permezz ta' Tweġiba mressqa minnha fil-21 ta' Diċembru, 2018, l-appellata Rayona Caruana laqgħet għall-appell ta' Bartolo billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li ma kienx mistħoqq u li s-sentenza appellata messha tkun konfermata minn din il-Qorti, b'dan li jekk kemm-il darba din il-Qorti jidhrilha li l-appell huwa mistħoqq, għandha tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti ħalli tkun tista' tagħti sentenza dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tagħha li kienu trattati quddiem l-ewwel Qorti imma li sentenza dwarhom ma kinitx laħqet ingħatat meta ngħatat is-sentenza appellata;

10. B'nota mressqa fil-21 ta' Diċembru, 2018[4] ukoll, l-intimata appellata Rayona Caruana ddikjarat li kienet qiegħda tħalli f'idejn din il-Qorti dwar id-deċiżjoni tagħha rigward l-appell inċidentali mressaq mill-ġenituri tagħha;

11. Illi fis-27 ta' Diċembru, 2018, Bartolo ressqu Tweġiba li biha laqgħu għall-appell inċidentali mressaq minn Marthese u Tarcisio Caruana (minn issa 'l hemm imsejħin "Caruana") billi qalu li din il-Qorti jmissha tiċħdu;

[3] Paġ. 290 tal-proċess
[4] Paġ. 306 tal-proċess

12. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tal-25 ta' Mejju, 2021, f'liema data ħalliet l-appell għas-sentenza;

13. Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk taż-żewġ kawżi fuq imsemmija safejn rilevanti għal dawn l-appelli tallum;

***Ikkonsidrat:***

14. Illi din hija azzjoni għall-qsim ta' qligħ ġenerat mit-tmexxija ta' stabbiliment kummerċjali. Bartolo ressqu l-azzjoni tagħhom fuq is-saħħa ta' żewġ sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'żewġ kawżi li, fl-ewwel waħda minnhom[5], talbu l-qasma (jew, jekk mhux komodament diviżibbli, il-bejgħ b'liċitazzjoni) ta' gabbana bit-tagħmir u l-istokk tagħha u, fit-tieni waħda[6], talbu t-tħassir ta' ftehim ta' trasferiment magħmul minn Caruana lil binthom tal-istess gabbana b'kulma jagħmel minnha. F'din l-azzjoni tagħhom, Bartolo jgħidu li huma għandhom jedd għal sehemhom mill-qligħ iġġenerat mit-tmexxija tal-gabbana tul iż-żmien li nżammu 'l barra mill-istess tmexxija, minkejja li tressaq appell miż-żewġ sentenzi msemmija, u talbu li l-ewwel Qorti tillikwida dak il-qligħ u tikkundanna lil Caruana jħallsuh;

[5] Rik. Nru. 281/06AF
[6] Rik. Nru. 1254/07AF

15. Illi l-ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' Caruana u l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' binthom Rayona Caruana li l-azzjoni tressqet qabel waqtha ladarba l-mertu ta' din il-kawża hu marbut sfiq u jiddependi minn kif tkun id-deċiżjoni fiż-żewġ appelli li tressqu miż-żewġ kawżi l-oħrajn;

16. Illi minn dik id-deċiżjoni, tressqu kemm Appell Prinċipali kif ukoll Appell Inċidentali. Il-Qorti sejra tibda biex tqis l-Appell Prinċipali ta' Bartolo;

17. Illi Bartolo jqajmu disa' (9) aggravji mis-sentenza appellata li, fis-sewwa, jistgħu jinġabru taħt tliet (3) irjus: (i) li ma kienx sewwa li l-ewwel Qorti sabet li din l-azzjoni kellha tistenna l-eżitu tal-appelli li saru fiż-żewġ kawżi l-oħra u dan wara li ħareġ li Caruana jaħtu ta' għemil frawdolenti u ilhom is-snin iċaħħduhom minn sehemhom mill-qligħ tat-tmexxija tal-gabbana, (ii) l-ewwel Qorti ma fissritx kif il-mertu ta' din il-kawża jrid jiddependi minn dak taż-żewġ kawżi appellati, meta t-talbiet f'din il-kawża ma kinux saru fil-kawżi l-oħrajn, u fejn f'din intalbet il-likwidazzjoni tal-qligħ ġenerat, u (iii) li l-ewwel Qorti kien messha ordnat is-soprasessjoni tal-kawża u mhux tilqa' l-eċċezzjoni tal-intempestivita`, jekk tassew li l-eżitu ta' din il-kawża kien jiddependi mill-eżitu taż-żewġ appelli li tressqu mis-sentenzi fiż-żewġ kawżi l-oħrajn;

18. Illi **fl-ewwel aggravju** (paragrafi wieħed sa tlieta), Bartolo jgħidu żewġ affarijiet: l-ewwel, li l-appelli mressqa minn Caruana kienu fiergħa u vessatorji, u t-tieni li mhux sewwa li huma jridu jistennew l-eżitu taż-żewġ appelli, meta aktar ma jtul iż-żmien aktar tkun ħaġa iebsa biex jinġabu l-provi li jsaħħu l-pretensjonijiet tagħhom, meta Caruana nfushom qajmu l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni tal-azzjoni, u meta ħareġ ċar (mis-sentenzi appellati) li Caruana wettqu għemil b'qerq minn wara daharhom;

19. Illi għal dan l-aggravju Caruana jilqgħu billi jgħidu li r-raġunijiet li ngħataw m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-ilment mis-sentenza appellata. Dan għaliex, il-kwistjoni ta' jekk l-appelli mressqa kinux jew le fiergħa hija kwistjoni li trid titqies fiż-żewġ appelli l-oħra u mhux bħala aggravju mis-sentenza appellata. Minbarra dan, jisħqu li kull meta Philip Bartolo xehed fil-kawżi kollha ta' bejniethom, dejjem stqarr li kellu d-dokumentazzjoni kollha li biha seta' jipprova s-siwi tat-talbiet tiegħu, u għalhekk il-preġudizzju li l-provi setgħu jkunu "kontaminati" qajla tista' titwemmen. Min-naħa tagħha, l-appellata Rayona Caruana tgħid li l-ewwel aggravju ma jirriflettix dak li tabilħaqq iddeċidiet l-ewwel Qorti għaliex fis-sentenza tagħha, l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-proċedura hija intempestiva u ma hemmx il-ħtieġa ta' soprasessjoni billi l-intempestivita` ġġib magħha l-estinzjoni tal-azzjoni. Tgħid ukoll li parti f'kawża għandha jedd tressaq appell minn sentenza ta' qorti tal-ewwel istanza u aggravju dwar jekk dak

l-appell huwiex wieħed fieragħ jitqies fl-atti tal-kawża fejn sar l-appell u mhux f'kawża oħra bħalma hija din;

20. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa. Il-jedd li persuna tappella minn sentenza tal-ewwel istanza huwa jedd mogħti u regolat mil-liġi u l-ewwel Qorti ma kellhiex is-setgħa li tgħid li l-jedd li nqdew bih Caruana kien abbużat jew fieragħ, jew tinjorah. Ir-raġuni ewlenija li wasslet lill-ewwel Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intempestivita` kien il-fatt li, minħabba l-appelli msemmija, ma kienx għad hemm ġudikat fil-każ taż-żewġ kawżi miftuħin minn Bartolo u l-kwistjonijiet f'dawk iż-żewġ kawżi u l-eżitu tagħhom kienu jaffettwaw jekk din il-kawża tallum saritx għalxejn jew kellhiex tibqa' tinstema' fil-mertu tagħha minkejja kollox. Minbarra dan, il-fatt li f'din il-kawża Bartolo ressqu talbiet li ma jinsabux ukoll fiż-żewġ kawżi l-oħrajn, ftit li xejn jista' jsaħħaħ dan l-aggravju. Biex l-ewwel Qorti riedet tqis dawk it-talbiet il-ġodda ried ikun stabbilit li Bartolo kellhom jedd għall-qligħ minnhom reklamat u kemm kien sehemhom minnu. Dawn iż-żewġ ħwejjeġ huma sewwasew biċċa kbira mill-mertu tal-ewwel kawża li Bartolo fetħu kontra Caruana u, għalkemm il-Qorti tal-ewwel istanza kienet sabet favur Bartolo, minn dik is-sentenza tressaq appell li kien għadu ma nqatax dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata f'din il-kawża;

21. Illi għaldaqstant dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa u mhux ser jintlaqa';

22. Illi **t-tieni aggravju** (paragrafu erbgħa) huwa marbut mal-ewwel wieħed. Bartolo jgħidu li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-appellati dwar l-intempestivita` meta għad irid isir l-eżerċizzju tat-tressieq tal-provi ta' kemm kien il-qligħ li Caruana għamlu mit-tmexxija tal-gabbana matul is-snin u ssir il-likwidazzjoni u l-ħlas ta' sehemhom minn dak il-qligħ li minnu kienu mċaħħda. Huma jgħidu li dawn kienu talbiet li ma sarux fiż-żewġ kawżi l-oħrajn;

23. Illi għal dan l-aggravju Caruana jilqgħu billi jgħidu li jekk stess dan l-aggravju jixhed kemm tabilħaqq il-provi mhux qed jiġu kkontaminati ladarba l-qligħ għad irid jiġi ppruvat. Jgħidu wkoll li l-eċċezzjoni tal-intempestivita` tressqet kif imiss, fil-bidu tal-kawża, u l-ewwel Qorti kienet fis-sewwa meta qisitha qabel kull ħaġa oħra. Itennu li l-mertu ta' din il-kawża huwa marbut mal-eżitu taż-żewġ appelli u għalhekk l-ewwel Qorti kienet fis-sewwa meta sabet l-azzjoni bħala intempestiva, anke biex jiġi evitat il-biżgħa li jistgħu jingħataw sentenzi li ma joqogħdux ma' xulxin. Min-naħa tagħha, l-appellata Rayona Caruana saħqet li l-ewwel Qorti mxiet sewwa u kif mistenni minnha fil-liġi meta sabet li l-kawża tressqet qabel waqtha;

24. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju jixhed, għal darb'oħra, in-nuqqas ta' għarfien min-naħa ta' Bartolo tal-qafas tal-azzjoni tagħhom. Kienu Bartolo nfushom li, f'uħud mill-premessi tar-rikors maħluf li bih fetħu din il-kawża, semmew iż-żewġ kawżi l-oħrajn li fetħu kontra Caruana u s-sentenzi li kienu ngħataw sa dakinhar mill-qorti tal-ewwel istanza u rabtu magħhom it-talbiet tagħhom f'din il-kawża. Dan jixhed li din il-kawża nfetħet sewwasew minħabba dak li ngħad fl-imsemmija sentenzi u bħala konsegwenza tagħhom. Għalhekk, l-ewwel Qorti ma setgħetx ma tqisx din l-azzjoni jekk mhux fid-dawl ta' dak li ngħad fiż-żewġ kawżi l-oħrajn. Dan jgħodd ukoll jekk f'din il-kawża saru talbiet li ma kinux saru fiż-żewġ kawżi l-oħrajn. Dak li ngħad qabel dwar l-ewwel aggravju[7] jgħodd hawnhekk ukoll;

25. Illi għal din ir-raġuni, dan l-aggravju mhux ser jintlaqa' lanqas, għaliex m'għandux mis-sewwa;

26. Illi **t-tielet aggravju** (paragrafi ħamsa sa tmienja) jirrigwarda s-siwi tas-sentenza appellata fejn intlaqgħet l-eċċezzjoni tal-intempestivita` minflok ma l-ewwel Qorti ordnat is-soprasessjoni. Bartolo jilmentaw li l-ewwel Qorti kienet x'aktarx liberali meta laqgħet l-eċċezzjoni, minkejja li ġie mgħallem li l-intempestivita` tal-azzjoni għandha tingħata interpretazzjoni dejqa. Huma jgħaddu biex isemmu xi sentenzi fejn,

[7] § 20 *supra*

f'qagħda bħal din tallum, intgħażlet it-triq tas-soprasessjoni u mhux tad-dikjarazzjoni tal-intempestivita`. Jirrilevaw li kienu Caruana nfushom li, minbarra li qajmu l-eċċezzjoni tal-intempestivita`, issuġġerew li l-ewwel Qorti tissoprassjedi sakemm jinqatgħu l-appelli mressqa fiż-żewġ kawżi l-oħrajn;

27. Illi għal dan l-aggravju Caruana jilqgħu billi jgħidu li l-każ li l-Qorti għandha quddiemha ma jittrattax sitwazzjoni temporanja fejn il-liġi u d-duttrina jagħrfu li hemm ċirkostanzi li fihom Qorti ssib li jkun jixraq li tissoprassjedi minħabba stennija għal xi provvediment interlokutorju, iżda sitwazzjoni konkreta minħabba deċiżjoni aħħarija fuq mertu li kien għadu jrid jiġi mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell fuq materja li ma hemmx qbil fuqha. Itennu li l-eċċezzjoni marbuta mas-soprasessjoni tressqet indipendentement mill-eċċezzjoni tal-intempestivita`. Min-naħa tagħha, l-appellata Rayona Caruana tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid li Bartolo naqsu li jressqu riferenza waħda tajba dwar l-eċċezzjoni appellata, imma rabtu l-aggravju mat-tħaddim tal-eċċezzjoni ta' soprasessjoni li s-sentenza appellata ma ddeċidietx dwarha;

28. Illi l-Qorti tirrileva li s-sentenza appellata qatgħet biss dwar l-eċċezzjoni tal-intempestivita` billi laqgħetha. Huwa minnu li kemm l-appellati Caruana u kif ukoll l-appellata Rayona Caruana qajmu l-imsemmija eċċezzjoni minħabba l-eżistenza taż-żewġ kawżi l-oħrajn li

mis-sentenzi tagħhom kien sar appell. L-istess appellati wkoll qalu, f'eċċezzjoni oħra, li l-ewwel Qorti messha tqis jekk għandhiex twaqqaf is-smigħ ta' din il-kawża sakemm jingħataw is-sentenzi fl-imsemmija żewġ appelli. Għal din il-Qorti huwa ċar li l-appellati kellhom f'moħħhom ukoll l-eċċezzjoni tal-konnessjoni tal-kawżi (bis-soprasessjoni bħala effett possibbli f'każ li dik l-eċċezzjoni kellha tintlaqa') meta qajmu l-eċċezzjoni tal-intempestivita`. Dawn huma eċċezzjonijiet differenti, għalkemm iħaddnu xi rabtiet u prinċipji jixxiebħu bejniethom. Minn qari tas-sentenza appellata, jidher ukoll li l-ewwel Qorti qieset l-istedina li tissoprassjedi, imma ma laqgħethiex, minkejja li f'parti mill-konsiderazzjonijiet magħmula jingħad li "*għandu jkun paċifiku li fl-aħjar interessi tal-ġustizzja, din il-qorti għandha tieqaf tisma' l-kawża preżenti pendenti l-eventwali deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-proċeduri preżentement pendenti quddiemha fuq riferiti stante li dawn jimpinġu sostanzjalment fuq il-mertu tal-proċedura odjerna*"[8];

29. Illi l-eċċezzjoni tal-intempestivita` ta' azzjoni għandha tingħata tifsira u applikazzjoni dejqa. L-eċċezzjoni ta' intempestivita` hija waħda ta' natura dilatorja u li għandha titqajjem fil-bidu tal-kawża[9]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita` huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-

[8] § 22 tas-sentenza appellata
[9] Ara Kumm. **28.5.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri v. Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161**)

terminu li kien ingħata jew meta ma jkun hemm l-ebda xkiel biex l-azzjoni terġa' tinbeda, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli. Minbarra dan, il-piż tal-prova tas-siwi tal-eċċezzjoni jaqa' fuq min iqajjimha billi jrid jikkonvinċi lill-qorti li l-azzjoni ma saritx f'waqtha u dan fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor.* Huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[10];

30. Illi minn qari tas-sentenza appellata jidher li l-konsiderazzjonijiet li ħadet qies tagħhom l-ewwel Qorti biex laqgħet din l-eċċezzjoni huma tnejn: l-ewwel, li l-mertu tal-kawża tallum kien jorbot mal-mertu tal-proċeduri pendenti quddiem din il-Qorti fiż-żewġ kawżi appellati; it-tieni, ħadet qies tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja biex ma jkunx hemm sentenzi li jistgħu ma joqogħdux flimkien jew li jiddeċiedu ħwejjeġ li ma jaqblux waħda mal-oħra;

31. Illi din il-Qorti tagħraf il-fehma tal-ewwel Qorti li ma taċċettax li tissoprassjedi – dik il-Qorti kellha diskrezzjoni u għażlet li ma twettaqhiex fuq is-saħħa ta' qari tal-liġi u tad-deċiżjonijiet dwar il-kwistjoni. Dan ma jfissirx li l-eċċezzjoni li kellha tiddeċiedi – li l-azzjoni attriċi tressqet qabel il-waqt – ma kinitx mistħoqqa. Din il-Qorti tqis li, sa dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata u sa żmien konsiderevoli wara, kien hemm raġuni

[10] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci v. Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)

oġġettiva li timpedixxi l-mixi ’l quddiem tal-azzjoni mnegħdija minn Bartolo għaliex tolqotha fuq l-aspetti essenzjali tagħha u tal-eżitu li kienet maħsuba tilħaq. Minbarra dan, il-konferma tas-sentenza appellata ma tfissirx li l-pretensjonjiet ta’ Bartolo se jintilfu darba għal dejjem, għaliex l-effett tal-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestivita`, kif ingħad qabel, huwa li jeħles lill-parti mħarrka mill-ħarsien tal-ġudizzju u mhux li jeqred għal dejjem il-pretensjonijiet tal-parti attriċi. U fuq is-saħħa ta’ dan, Bartolo dejjem jibqagħlhom il-jedd li jressqu l-pretensjonijiet tagħhom mill-ġdid f’azzjoni oħra jekk kemm-il darba jidhrilhom li jridu jagħmlu dan;

32. Illi fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti jidhrilha li kien ikun xieraq u biżżejjed biex tiċħad dan l-aggravju wkoll. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li din il-Qorti qablet li dan l-appell jinstema’ mal-appell fiż-żewġ kawżi l-oħrajn ta’ bejn il-partijiet, u fid-dawl tas-sentenzi li llum qegħdin jingħataw minn din il-Qorti f’dawk iż-żewġ appelli, tqum kwistjoni ta’ *jus superveniens*. Dan għaliex, issa li l-mertu tal-kwistjoni fl-imsemmija żewġ kawżi qiegħda tingħata sentenza dwarha fit-tieni istanza, jiġi nieqes l-element tal-inċertezza li kien ir-raġuni ewlenija għaliex intlaqgħet l-eċċezzjoni tal-intempestivita`. Bil-ħsieb li, kemm jista’ jkun, azzjoni tkun salvata u biex ma jiddaħħlux spejjeż żejda, din il-Qorti tqis li huwa l-każ li l-aggravju ta’ Bartolo dwar l-imsemmija eċċezzjoni tal-intempestivita` jintlaqa’ u s-sentenza appellata, safejn laqgħet dik l-eċċezzjoni, titħassar;

33. Illi Bartolo ressqu **aggravju ieħor** (paragrafu disgħa), li aktar jixbah lil sottomissjoni. Bih huma jgħidu li tkun ħaġa xierqa li dan l-appell jinstema' flimkien maż-żewġ appelli taż-żewġ kawżi l-oħrajn u tingħata s-sentenza mill-istess Qorti u fl-istess jum. Fid-dawl tad-digriet mogħti minn din il-Qorti fl-20 ta' Diċembru, 2018, u li bih din il-Qorti ordnat li dan l-appell jinstema' flimkien maż-żewġ appelli l-oħrajn imsemmija, ma hemmx bżonn li l-Qorti tuża aktar żmien dwar dan l-aggravju, li ma għandu x'jaqsam xejn ma' dak deċiż fis-sentenza appellata;

34. Illi jmiss li l-Qorti tqis **l-appell inċidentali** ta' Caruana. L-aggravju f'dan l-appell huwa wieħed, fejn l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset li tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom fejn tennew li, qabel kull ħaġa'oħra, Bartolo għandhom iġibu prova li huma ddikjaraw mad-Dipartiment tat-Taxxa d-dħul tagħhom minn dan in-negozju matul is-snin. Fin-nuqqas, l-ewwel Qorti ma kellhiex tisma' l-kawża u teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju;

35. Illi Caruana jibbażaw l-aggravju tagħhom fuq il-verbal tal-Qorti fis-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2016[11], fejn kien hemm qbil li l-ewwel jiġu deċiżi t-tliet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrkin Caruana, fosthom din l-eċċezzjoni msemmija. Jgħidu li l-ewwel Qorti kienet marbuta b'dan

[11] Paġ. 91 tal-proċess

il-verbal u għaldaqstant kellha tagħti sentenza fuq it-tliet eċċezzjonijiet u mhux fuq waħda biss;

36. Illi l-Qorti m'għandhiex wisq xi tgħid fuq dan l-aggravju. Il-liġi trid li kemm appell u kif ukoll appell inċidentali jissejjes fuq dak li jkun inqata' fis-sentenza appellata[12]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-ewwel Qorti ddeliberat u tat il-fehmiet tagħha fuq l-eċċezzjoni tal-intempestivita` u, billi sabet li kienet tajba u laqgħetha, ma tat l-ebda sentenza dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn. Dan ifisser li f'dan l-appell inċidentali Caruana m'għandhom ebda appell x'iressqu għaliex ma ngħatat l-ebda sentenza fuq l-eċċezzjoni li jsemmu fl-aggravju tagħhom. L-ilment ta' Caruana ma huwiex mistħoqq. Għalkemm qorti tkun ħalliet kawża biex taqta' dwar numru ta' eċċezzjonijiet, ma jkollhiex għalfejn tqishom kollha jekk kemm-il darba tilqa' xi eċċezzjoni li tkun tolqot il-mixi 'l quddiem tal-kawża. L-għoti ta' sentenza huwa maħsub għad-deċiżjoni ta' punt mistħarreġ u mhux biex qorti toqgħod turi kemm taf. U jekk, wara li tingħata deċiżjoni dwar eċċezzjoni partikolari, ma jkunx għad hemm il-ħtieġa li qorti tgħaddi biex tistħarreġ eċċezzjonijiet oħrajn, dan ma jnaqqas xejn mis-siwi tal-mod kif dik il-qorti tkun għażlet li tqishom. Għalhekk, din il-Qorti ma tistax tiddeċiedi fuq dan l-aggravju ladarba l-ewwel Qorti ma qisetx l-eċċezzjoni li dwarha Caruana ressqu l-aggravju tagħhom;

[12] Art. 240 tal-Kap. 12

37. Illi għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti mhix sejra tilqa' dan l-aggravju billi huwa irritwali;

***Deċide:***

38. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-appell prinċipali** mressaq mill-atturi appellati Bartolo mis-sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u qiegħda tħassar dik is-sentenza billi tiċħad l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi tressqet qabel żmienha;

**Tiċħad l-appell inċidentali** mressaq mill-intimati miżżewġin Caruana għaliex huwa irritwali;

**Tordna** li l-atti tal-kawża jerġgħu jintbagħtu lill-ewwel Qorti biex tkompli bis-smigħ tal-kawża; u

**Tordna** li l-intimati Caruana jħallsu solidalment bejniethom l-**ispejjeż tal-appelli**, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da